6 ta' Novembru, 1953.

Imħallfin :—

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President;*

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.;

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Angela Sultana *versus* Salvatore Borg**

**Mara — Obligazzjoni — Nullità — Bżonnijiet tad-Dar — Preskrizzjoni — Interruzzjoni — Rinunzja — Mandat — Art. 1014, 1015 (1), 2256 (1) u 2256 (2) tal-Kodiċi Ċivili.**

*Kull konvenzjoni magħmula minn mara miżżewġa mingħajr il-kunsens jew intervent ta' żewġha, jew mingħajr awtorizzazzjoni tal-Qorti*

*kompetenti, hija nulla, salv il-każ ta' mara li teżerċita l-merkatura. Imma dan il-kunsens tar-raġel huwa preżunt dwar il-konvenzjonijiet tal-mara għall-bżonnijiet tad-dar, ordinarji u ta' kuljum. U meta l-mara tikkuntratta dwar dawn il-bżonnijiet, hija tobliga lir-raġel, u mhux lilha nfisha, bħala mandatarja tiegħu.*

*Fil-każ ta' dawn is-somministrazzjonijiet, il-preskrizzjoni, fin-nuqqas ta' interruzzjoni tagħha, tolqot l-azzjoni għas-somministrazzjonijiet anterjuri għaż-żmien preskrizzjonali, b'inkejja tal-kontinwità tagħhom; għax kull partita jew somministrazzjoni tifforma kreditu għaliha.*

*Il-mara, mingħajr kunsens espress tar-raġel, ma tistax tirrinunzja għall-preskrizzjoni li tkun ġà kompjuta u li tkun tifforma dritt akkwiżit ta' żewġha; għax dik ir-rinunzja timporta aljenazzjoni ta' dritt; u għalhekk il-mara li tirċievi kont tas-somministrazzjonijiet u tapprovah, wara li tkun ġà kompjuta l-preskrizzjoni, ma tagħtix lok għat-trasformazzjoni tal-preskrizzjoni ta' dawk is-somministrazzjonijiet, li hija ta' 18-il xahar, f'oħra bażata fuq dik l-approvazzjoni, li hija ta' ħames snin.*

*Imma l-mara, mill-banda l-oħra, tista' tinterrompi l-preskrizzjoni qabel ma din tkun għalqet, bis-saħħa tal-mandat taċitu li għandha minn żewġha.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li bih l-attriċi talbet illi, wara li tiġi mogħtija kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u meħud kwalunkwe provvediment opportun, il-konvenut jiġi kundannat iħallasha s-somma ta' £17. 16. 9, prezz ta' ħwejjeġ li hija biegħet lill-konvenut f'diversi drabi; bl-imgħax legali minn notifika ta' din iċ-ċitazzjoni; bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali ta' l-1 ta' Diċembru 1952, kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-30 ta' Ġunju 1953, li biha dik il-Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u laqgħet it-talba ta' l-attriċi, bl-ispejjeż; billi kkunsidrat;

Illi l-attriċi tippretendi illi għandha tieħu minn għand il-konvenut £17. 16. 9, bilanċ ta' somma akbar, prezz ta' ħwejjeġ, ilbiesi, li hija kienet biegħet lill-mara tiegħu, skond kif jidher mill-kont (dok. fol. 16);

Illi l-konvenut xehed illi huwa ma kien jaf xejn bil-kreditu pretiż mill-attrici, għaliex martu qatt ma qaltlu bih, anzi din dejjem qaltlu li l-oġġetti u ħwejjeġ ta' lbies kienet tixtrihom, mhux minn għand l-attriċi, imma minn għand ħadd ieħor. F'dan ir-rigward il-konvenut jinsab kontraddett millistess martu, li xehdet li hija wrietu bil-kreditu li kienet tippretendi l-attriċi, imma qaltlu illi lil din kienet ħallsitha ta' kollox. Għalhekk il-konvenut kien jaf illi l-mara tiegħu kienet xtrat il-ħwejjeġ minn għand l-attriċi; u anki kieku ma kienx jaf b'dan, jibqa' tenut għall-prezz tagħhom, jekk dan il-prezz għadu dovut. Infatti mhux kuntrastat illi l-oġġetti li l-attriċi biegħet lill-mara tal-konvenut kienu lbiesi u ħwejjeġ meħtieġa għall-familja. Skond l-art. 1014 tal-Kodiċi Ċivili, kwalunkwe konvenzjoni magħmula minn mara miżżewġa mingħajr il-kunsens jew intervent tar-raġel, jew mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti kompetenti, hija nulla, salv il-każ ta' mara li teżerċita l-merkatura. Imma dan il-kunsens tar-raġel jiġi preżunt dwar il-konvenzjonijiet tal-mara għall-bżonnijiet tad-dar ordinarji u ta' kuljum; b'mod illi konvenzjonijiet simili ma jistgħux jiġu mpunjati minħabba nuqqas ta' intervent tar-raġel (art. 1015 (1) Kodiċi Ċivili), billi konvenzjonijiet bħal dawn, manifestament vantaġġużi għall-familja, jiġu kunsidrati bħala li ġew kuntrattti bil-kunsens taċitu tar-raġel; u l-mara miżżewġa, meta hekk tikkuntratta, tobliga mhux lilha nfisha, imma lir-raġel (Vol. XXX—I—938). Għalhekk il-konvenut hu tenut għal kull ma għamlet il-mara tiegħu, u l-kwistjoni kollha tirriduċi ruħha fuq il-pont jekk il-mara tal-konvenut għandhiex jew le tagħti lill-attriċi l-ammont pretiż;

Ikkunsidrat, fuq il-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut;

Illi jirriżulta illi għall-ħabta ta' Ottubru 1952 il-mara tal-konvenut bagħtet lil bintha, Maria Borg, għand l-attriċi, biex din tagħtiha l-kont ta' l-affarijiet li kienet xtrat minn għandha (dep. Vittoria Sultana fol. 31). Għalhekk kwalunkwe preskrizzjoni ta' l-azzjoni li seta' kien hemm qabel ġiet rinunzjata mill-mara tal-konvenut;

Ikkunsidrat, fil-meritu;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut, li biha dan appella

mis-sentenza fuq imsemmija tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-30 ta' Ġunju 1953;

Rat il-petizzjoni tal-konvenut appellant, li talab ir-revoka tas-sentenza appellata fuq imsemmija u l-laqgħa ta' l-eċċezzjoni tiegħu, u ċ-ċaħda tat-talba ta' l-attriċi; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attriċi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi mix-xhieda tal-konvenut irriżulta li martu soltu tixtri hija l-ħwejjeġ tagħha u tat-tfal tagħha, u l-konvenut kien jagħtiha l-flus (fol. 20). Immela mart il-konvenut kellha l-mandat ta' żewġha biex tixtri l-ħwejjeġ, u bħala mandatarja kienet tobbliga lilu. L-attriċi xehdet (fol. 11) li mart il-konvenut ħadet xi ħwejjeġ minn għandha bid-dejn skond il-kont eżibit (fol. 16), u ħallsitha tagħtiha s-somma mitluba fiċ-ċitazzjoni. Mill-banda l-oħra mart il-konvenut ċaħdet li għandha tagħtiha ta' dawk il-ħwejjeġ, għax qalet li dejjem ħallsitha (fol. 25). Iżda li l-mara tal-konvenut kienet xtrat xi ħwejjeġ bid-dejn minn għand l-attriċi jirriżulta miċ-ċirkustanzi li fuqhom xehdu nies oħra. U tabilħaqq Vittoria Sultana xehdet......... U Marianna Vella xehdet......... Aronne Sultana xehed......... U fl-aħħarnett Carmela Galea xehdet.........

Ikkunsidrat;

Illi mill-kumpless tal-provi jidher ċar illi l-konvenut b'dak id-dejn ma kienx jaf, għax lill-konvenut l-attriċi qatt ma kellmitu fuqu, u l-attriċi stess, quddiem Marianna Vella, ipproponiet lill-mara tal-konvenut li tgħarraf bid-dejn lill-konvenut ħalli jkun jaf bihom — ħaġa li ma kienetx tipproponi li kieku l-konvenut ġa kien intiż minnhom (fol. 12). Iżda dana ma jeħlisx lill-konvenut mill-obligazzjoni; għax bħala mandanti ta' martu fix-xiri tal-ħwejjeġ, kien obligat hu stess għall-ħlas;

Ikkunsidrat;

Illi kontra l-pretensjoni ta' l-attriċi l-konvenut qajjem l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' 18 il-xahar. Skond il-mara tal-konvenut, ix-xiri sar fi żmien il-gwerra, iżda mill-kont eżibit jidher li l-ewwel partita nxtrat fis-sena 1944, u l-aħħar tnejn

inxtraw fl-1 ta' Settembru 1951, bil-prezz ta' 14s. 6d. Peress li fl-1 ta' Diċembru 1952 l-attriċi talbet il-ħlas lill-konvenut b'ittra uffiċjali, fuq l-aħħar żewġ partiti l-preskrizzjoni ma għalqetx. Fuq il-partiti l-oħrajn għandu jiġi osservat li, salva l-interruzzjoni bir-rikonoxximent tad-dejn, u fl-assenza ta' atti oħra interruttivi, il-preskrizzjoni tkompli tgħaddi b'inkejja tal-kontinwità tax-xiri fi żmienijiet diversi fuq il-partiti anterjuri, għax kull partita tifforma kreditu għalieh innifsu (art. 2256(1) Kodiċi Ċivili) — ara sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-10 ta' Ġunju 1926 in re "Ciantar vs. Catania", Kollez. XXV—II—305, u sentenza hemm imsemmija;

Illi fuq il-partiti ta' qabel Settembru 1951, li fuqhom it-terminu ta' 18 il-xahar kien għadda, għandu jingħad li, għalkemm f'Ottubru 1952 mart il-konvenut, li kienet ġa rċeviet il-kont, wegħedet il-ħlas u rrikonoxxiet id-dejn, ma jistax jingħad li b'daqshekk saret rinunzja għall-preskrizzjoni, jew li l-preskrizzjoni saret trasformata f'dik ta' ħames snin bl-approvazzjoni implicita tal-kontendenti skond l-art. 2256(2) Kod. Ċivili. U tabilħaqq, il-mara miżżewġa, mingħajr il-mandat espress ta' żewġha, ma tistax tirrinunzja għall-preskrizzjoni li ġa tkun għalqet, u li tkun iffurmat dritt akkwiżit ta' żewġha; għax dik ir-rinunzja tkun timporta aljenazzjoni ta' dritt (ara sent. ta' dil-Qorti ta' l-14 ta' Novembru 1873 in re "Gargani vs. Sant", Vol. VI, p. 679-668; tal-Prim'Awla tat-13 ta' Marzu 1877 in re "Camilleri vs. Saliba", Vol. VIII, p. 87; u tat-23 ta' Ġunju 1877 in re "Micallef vs. Formosa", VIII, 292); fil-waqt li l-approvazzjoni tal-kont b'effett estintiv tal-preskrizzjoni wara għeluq il-preskrizzjoni teċċedi l-mandat ordinarju tal-mara miżżewġa, u ma tobligax lir-raġel;

Iżda, mill-banda l-oħra, il-mara miżżewġa tista' tinterrompi l-kors tal-preskrizzjoni qabel ma din tagħlaq, bis-saħħa tal-mandat taċitu li jkollha mingħand żewġha. Jgħid a propożitu l-Baudry-Lacantinerie-Tissier :— "E' stato giudicato, con ragione, che il mandato tacito della donna maritata le dà il potere di fare un riconoscimento interruttivo della prescrizione"; u jiċċita sentenza tal-Qorti ta' Rouen tad-9 ta' Lulju 1895, Journal de Palais, 22 ta' Marzu 1896 (Della Prescrizione, no. 536, n. 2, p. 399);

L-attriċi xehdet li l-mara tal-konvenut ħallset akkont fis-sena 1951 (fol. 11 wara), iżda ma jirriżultax f'liema xahar. Il-kont *oriġinarjament* kien ta' £18 u ftit xelini, u meta ħallset dik il-lira baqa' l-bilanċ li ġie mitlub, skond l-attriċi u oħtha Marianna Vella. Iżda l-Qorti ma tifhemx kif fil-kont jinsabu *mniżżlin* partiti tas-snin 1944, 1947 u 1948, bis-somma totali ta' £17. 16. 9, u ma jinsabux imniżżlin partiti oħra jew ħlasijiet akkont, li kieku kien veru li mart il-konvenut kienet tassew tixtri bid-dejn u tħallas akkonti perijodikament; għax li kien hekk, fil-kont messhom jiffiguraw partiti oħra. Evidentement inxtraw partiti oħrajn u tħallsu, u ma kellhomx x'jaqsmu mal-kont in kwistjoni, kif jidher mill-fatt li l-attriċi ssemmi xxiri ta' spallieri, u dawn fil-kont fol. 16 ma jidhrux (fol. 11). Meta mart il-konvenut stqarret id-dejn ma' Aronne Sultana, il-preskrizzjoni kienet ġà għalqet, għax il-fatt ġara fis-sena 1952. Ma' Marianna Vella mart il-konvenut tkellmet wara l-konsenja tal-kont. Quddiem Vittoria Sultana id-diskors fuq il-ħlas sar meta ntalab il-kont (fol. 31), u dana ġie mitlub u mgħoddi f'Lulju 1952, meta l-preskrizzjoni fuq il-partiti tas-sena 1948 u ta' qabel kienet ġa għalqet. U ma jirriżultax preċiż meta, fi drabi oħra anterjuri għas-sena 1951, sar xi rikonoxximent jew att interruttiv ieħor tal-preskrizzjoni da parti ta' mart il-konvenut; u l-interruzzjoni għandha tiġi pruvata minn min jallegaha, u mhux minn min jirreżistiha (ara sent. Appell 8 ta' Marzu 1872 in re "Dimech vs. Attard", Vol. VI, 140). Għaldaqstant, ma jistax jingħad li l-attriċi ppruvat li l-preskrizzjoni fuq il-partiti anterjuri għas-sena 1951 ġiet interrotta;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' l-kawża billi tilqa' l-appell tal-konvenut fis-sena li tirriforma s-sentenza appellata, u għalhekk tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' 18 il-xahar limitament għas-somma ta' £17. 2. 3, u tiċħad it-talba rigward dik is-somma, u tiċħad l-istess eċċezzjoni tal-preskrizzjoni rigward il-bilanċ tat-talba, u għalhekk tilqa' t-talba limitatament għal dak il-bilanċ, ammontanti għal 14s. 6d., bl-imgħax legali; u tordna li l-ispejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu mill-partijiet a proporzjon tar-rebħa u telfa rispettiva tagħhom.